*Għall-għalliema tal-5 sena* **AĠĠORNAMENT**

29 ta' Novembru 2014

**S5.2 MIT-TEMPJI PREISTORIĊI GĦALL-KATIDRALI**

Wara li ġibdilna l-attenzjoni *College Support Officer*, qegħdin naġġornaw l-informazzjoni tal-blokka ta' tagħlim MIT-TEMPJI PREISTORIĊI GĦALL-KATIDRAL (S5.2) kif ġej:

1. IL-MARA L-ĦOXNA – l-aħjar huwa li nitkellmu dwar Il-Mara l-Ħoxna biss b'referenza għall-istatwa kbira li sibna fit-tempji ta' Ħal Tarxien. L-istatwa li sibna fl-Ipoġew ta' Ħal Saflieni l-aħjar nirreferu għaliha bħala 'l-Mara Rieqda'. F'tempji oħra, eż. Ħaġar Qim u l-Ġgantija sibna iktar statwi ta' figuri femminili.
2. IL-KATAKOMBI – eż. ta' San Pawl u Sant' Agata (Rabat), dawn huma ta' Żmien il-Ħakma Rumana u kienu jintużaw minn qabel ma użawhom l-Insara. L-Insara, meta bdew jużawhom huma wkoll, naqqxu fihom xi simboli reliġjużi.

Id-dokument SILLABU U ŻVILUPP flimkien mal-*Worksheets* tal-blokka ta' tagħlim S5.2, li jinsabu fuq il-websajt tal-Istudji Soċjali http://primarysocialstudies.skola.edu.mt huma issa kollha aġġornati.

Filwaqt li niskużaw ruħna ta' kull inkonvenjent, nieħdu l-okkażjoni biex inħeġġu sabiex kemm jista' jkun ma nibnux assessjar ibbażat kollu kemm hu fuq dettalji. Naqqasna ħafna mill-kontenut proprju biex nimirħu lejn 'higher order skills', bħalma hemm fil-mistoqsijiet tal-istess worksheets marbuta mal-blokka S5.2.

Fil-każ li jkollkom bżonn, ibagħtu email fuq: tony.pace.2@ilearn.edu.mt.

Tony Pace

Uffiċjal Edukattiv Primarja